MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1398/1996/1

**Victor Petroni Limited**

**vs**

**Grima Communications Limited**

**Il-Qorti:**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni introdotta mill-appellat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju 1996, l-istess appellat ippremetta s-segwenti u cioe:

Illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut, li accetta, *air-conditioners*.

Illi l-bilanc dovut ghal dan il-bejgh, minghajr il-komputazzjoni ta’ l-imghax, kif jirrizulta mill-kont dettaljat dokument A, jammonta ghal elf tlett mija tlieta u sebghin lira.

Illi l-imghax relattiv sat-8 ta’ April, 1996 (erba’ snin imghax) jammonta ghal erba’ mija, disa’ u tletin lira Maltija u sitta u tletin centezmu.

Illi l-konvenut interpellat ihallas il-bilanc dovut, baqa’ inadempjenti.

Illi in vista’ ta dan, talab lil dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc dovut u l-imghax relattiv ammontanti ghall-elf, tmien mija u tnax-il lira u sitta u tletin centezmu (Lm1812.36).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 1995 u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-8 ta’ April, 1996, kontra l-konvenut.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet hekk:

(I) Illi s-socjeta` konvenuta m’ghandha taghti ebda ammonti bilancjali lis-socjeta` attrici, skond kif din ta’ l-ahhar allegat fit-tieni premessa taghha, u ghalhekk, la l-ammont indikat fit-tieni premessa u lanqas l-imghax relattiv indikat fit-tielet premessa ma huwa dovut, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi eccezzjoni ohra li tista’ tigi sollevata billi f’kull kaz is-socjeta` attrici ma setghetx taqbad u tikkomputa xi allegat imghax relattiv li l-istess socjeta` attrici qeghdha tghid li huwa dovut sat-8 ta’ April 1996 u ghalhekk dan ukoll mhux dovut.

(II) Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas xi bilanc dovut, billi kieku s-socjeta` konvenuta ma kenitx sejra deliberatament tittraskura obbligazzjoni li hija tkun dahlet ghaliha, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta

m’ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas ebda bilanc dovut lis-socjeta` attrici inkluz xi allegat imghax, skond kif indikat fit-talba taghha attrici.

(III) Illi s-socjeta` konvenuta ma rceviet ebda ittra ufficjali datata 7 ta’ Settembru 1995 u lanqas xi talba ghal xi hlas ta’ imghaxijiet ulterjuri mit-8 ta’ April 1996, u ghaldaqstant is-socjeta` attrici hija mitluba li tforni kopja legali ta’ dawn id-dokumenti li hija allegatament kienet baghtet lis-socjeta` konvenuta.

(IV) Illi s-socjeta` konvenuta ghalhekk ma ghandha tbati ebda forma ta’ spejjez.

(V) Illi b’nota prezentata fl-14 ta’ Jannar, 1998 il-konvenut eccepixxa ulterjorment li t-talba hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148 tal-Kap. 16.

**IS-SENTENZA PRELIMINARI DWAR IL-PRESKRIZZJONI**

3. B’sentenza preliminari tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 7 ta’ Dicembru, 1998, l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**IS-SENTENZA DEFINITTIVA FIL-MERTU**

4. B’sentenza definittiva datata 3 ta’ Mejju, 2000, tal-Prim Awla tal-Qorti Civili t-talbiet attrici gew milqugha u allura s-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ elf tmien mija u tnax-il lira Maltin sitta u tletin centezmu (Lm1812.36) oltre l-imghax legali fuq is-somma, ta’ elf tlett mija tlieta u sebghin lira (Lm1373) mid-9 ta’ April, 1996, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza tas-7 ta’ Dicembru, 1998, kontra l-konvenut.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

5. Is-socjeta’ konvenuta appellat miz-zewg sentenzi fuq l-aggravji segwenti:

(I) Illi preliminarjament id-decizjoni ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Dicembru, 1998, li biha ddecidiet illi skond l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita ma ghandhiex ikollha effett jekk il-parti li teccepiha, meta tinghata l-gurament ma tistqarrx li mhijiex debitrici jew li ma tiftakarx li l-haga giet imhallsa u li dan il-konvenut naqas li jaghmel u li, konsegwentement, dik il-Qorti kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni, hija nulla peress illi l-gurament ma giex lilu deferit fil-forma li trid il-ligi fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 u din il-forma hi haga li n-nuqqas taghha jinficja s-sustanza stess tal-procedura u kwindi tas-sentenza li tinsab ibbazata fuqha.[1]

L-appellant jirrileva illi meta l-konvenut eccepixxa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-uniku rimedju li kellu l-attur kien li jtella lill-konvenut jixhed in subizzjoni.[2] Jirrizulta li l-attur ghalkemm tella lill-konvenut jixhed in subizzjoni naqas li jipproducix il-kapitoli bil-miktub skond ma jirrikjedi l-artikolu 700 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni tal-Procedura Civili.[2] L-appellant jissottometti li l-formola tal-gurament hija inalterabbli. Il-kreditur hu obbligat jiddeferixxi l-gurament fil-formola stabbilita mill-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili, u mhux lilu lecitu li jimponi lid-debitur li jahlef altrimenti minn dik il-formula, kif fil-fatt jirrizulta li sar f'dan il-kaz.[3] Mill-process jidher car li l-konvenut ma giex ipprezentat bil-mistoqsijiet precizi biex hu jissodisfa l-esigenzi ta' l-Artikolu 2160(1).

Skond il-gurisprudenza galadarba li l-konvenut xehed fuq rikjesta ta' l-attur, u mhux minn jeddu, mhux suppost tpoggewlu mistoqsijiet ohra daqs li kieku kien xhud normali; seta' jigi mistoqsi biss jekk kienx debitur jew jekk jiftakarx li l-oggett thallas u il-kreditur ma setax allura, darba moghti lid-debitur il-gurament, esiga spjegazzjonijiet dwar kif thallas id-dejn staqsa mistoqsijiet ohra sabiex jikkontrobatti dwar kif thallas id-dejn jew staqsa

[1] Chief Government Medical Officer vs Giorgina Muscat. Qorti ta' Appell 8.3 1978 Imhallef Caruana Curran

[2] Pirotti vs Huber 1874 Vol VII - 264

[3] Alfredo Goggi vs Edoardo Rizzo 1939 – Vol. XXXX – I-998 u Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri 1955 – Vol. XXXIX–III-899

mistoqsijiet ohra sabiex jikkontrobatti d-depozizzjoni ta’ l-inezistenza ta’ l-obbligazzjoni, kif fil-fatt ghamlu kemm l-ewwel Qorti u kemm l-avukat ta’ l-attur. [3a]

Jirrizulta car mix-xhieda tal-konvenut a fol. 39 – 49 li l-Qorti u l-avukat patrocinanti ta’ l-attur, it-tnejn baqghu jimponu x’kien l-arrangament li kellu f’mohhu l-konvenut, u mponewlu biex jispecifika kif saret jew ma saritx l-estinzjoni ta’ l-obbligazzjoni u kif jispjega l-inezistenza ta’ l-obbligazzjoni koncernata.

L-ewwel mistoqsija li saret mill-Qorti stess lill-appelant bil-gurament tieghu kienet: “L-ewwel nett, originarjament kellek xi arrangament?” L-appellant wiegeb le u pproceda biex ifihem lill-Qorti s-sistema tal-*barter* tas-socjeta` tieghu. Il-Qorti regghet staqsietu: “Taf minghand min xtrajthom dawn l-*air-conditioners*?” L-appellant wiegeb li jahseb li xtraw minghand id-ditta Forestals, mhux minghand l-attur. Imbaghad il-Qorti staqsiet: “Mill-kotba taghkom jirrizulta li intom xtrajtu minghand is-Sur Petroni?” (ara fol. 39) u anke aktar tard il-Qorti baqghet tinsisti u staqsiet: “x’marka huma l-*air-conditioners* li ghandek fl-ufficcju?” (fol. 47). F’dawn ic-cirkustanzi l-appellant ma kellux triq ohra hlief li wiegeb id-domandi ta’ l-istess Qorti.

Il-mistoqsijiet bil-gurament li ghamlet lill-appellant l-ewwel Qorti nehhew l-iskop kollu tal-gurament u setghu wasslu biss biex jissodisfa x-xewqa tal-kreditur li l-ligi ma tghidx li ghandha tigi sodisfatta. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Teresa Dimech vs Antonio Mallia (1873)**[4] ***“nella delazione del giuramento non puo essere permessa alcuna indagine ad alcuna discussione circa il modo col quale il debito e` stato estinto, o sulle circostanze che accompagnano siffatta estinzione; perche` tali indagini nulla aggiungono allo scopo del giuramento, perche` non servono che ad appagare un desiderio del creditore che la legge non dice che si abbia a soddisfare”***.

---

[3a] *ibid 1*
[4] Vol. VI-649

L-appellanti jissottometti illi minhabba li kemm l-avukat ta' l-attur kif ukoll l-istess Qorti naqsu li josserva l-procedura dettatta mill-ligi, fl-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili mhux tort tieghu li ma rrispondiex bil-mod li tesigi l-ligi. L-appellant jissottometti illi huwa xorta wahda rnexxielu jiffrustra t-talba attrici u f'dan il-kaz partikolari l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni kellha tinghata effett. F'dawk ic-cirkostanzi meta fid-disposizzjoni tieghu, l-appellant ghall-mistoqsija ta' l-ewwel Qorti xehed bil-gurament li ma ghandhomx jaghtu xejn lill-attur; u li l-air-conditioners xtrawhom minghand id-ditta Forestals u mhux minghand l-attur, kien qieghed jissodisfa dak li tesigi l-ligi ghaliex is-sustanza tat-twegiba tieghu baqghet xorta wahda fis-sens li mhux debitur. L-appellant jissottometti li malli hu bhala debitur halef skond il-ligi li mhux debitur, il-mezz ta' difiza, konsistenti mal-preskrizzjoni, saret perfetta u l-Qorti kellha tieqaf hemm u takkolta (sic!) l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

(II) Illi anki l-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li l-avukat ta' l-attur ipproceda jaghmel, ma kienitx valida ghaliex saret kontra l-etika professjonali u l-ewwel Qorti ma kellha qatt tiehu konjizzjoni ta' din ix-xhieda jew taghtiha l-piz li fil-fatt tatha meta semghet lill-konvenut jispjega illi kien mar fuqu l-avukat ta' l-attur barra l-awla u staqsieh: "kif ser nibqghu fuq din" waqt li l-konvenut kien sprovvist mill-avukat tieghu. (ara fol. 37 – 45)

L-appellant jissottometti li f'dik id-diskursata hu, il-konvenut ma ammettiex li ghandu dejn ma' l-attur; l-appellant kien qieghed jitkellem bla pregudizzju u sempliciment spjega x'kienet is-sistema li s-socjeta` tieghu kienet tixtri biha.

(III) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant ma jaqbilx mad-decizjoni fis-sentenza finali tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 3 ta' Mejju, 2000, fejn iddikjarat illi s-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li kien jezisti *barter agreement* bejn il-partijiet biex parti mill-prezz tal-merkanzija kellu jigi mhallas b'reklami u dana minhabba s-segwenti:

(a) Illi hija zbaljata l-ewwel Qorti meta tghid illi galadarba Godfrey Grima ma tressaqx bhala xhud minnu, allura Joseph Grima ma jistax jghid x'arrangament kien hemm bejn huh Godfrey u l-attur. L-esponenti jirrileva illi dan il-fatt mhux prova illi hu ma jafx x'kien l-arrangament li ghamel huh mas-socjeta` attrici. Biex jiddevja minn dik il-*policy* tas-socjeta` konvenuta huh kien kostrett li jinformah qabel u Joseph Grima ma xehed imkien fil-process illi huh kien informah li kien ghamel arrangament differenti. Se mai kien l-attur li jmissu ingungi lil Godfrey Grima biex jixhed fuq il-ftehim ta' bejniethom, ghax l-attur semmieh u mhux il-konvenut.

Bir-rispett l-appellant ukoll jistaqsi: kif setghet l-ewwel Qorti ssib li kien vero simili dak li xehed l-attur, fuq dak li allegatament qallu Godfrey Grima meta dan ma kien xejn hlief hearsay? Vero simili, l-attur li jghid li meta Godfrey Grima ppropona lis-socjeta` attrici tbeghlu merkanzija bil-*barter* u l-attur qallu li ma ghandux bzonn reklami, Godfrey Grima, li kellu Radju li jrid jghix bir-reklami, accetta li jixtri minghand is-socjeta` attrici bhal li kieku f'Malta hadd izjed ma kien jezisti li jbiegh l-*air-conditioners*?

(b) Fuq invoice illi kienet ta' computers li l-bejgh taghhom eventwalment thassar, Joe Grima kiteb fuqhom "*as per barter agreement*" u "*terms as usual*". Jirrizulta mix-xhieda kemm tal-konvenut kif ukoll ta' l-attur li qabel ma saret il-kawza l-attur qatt ma wera l-icken reazzjoni ghal dawn in-notamenti, notamenti li kienu qed jindikaw car u tond illi Joe Grima kien qed jixtri bl-intenzjoni li jhallas biss bil-*barter*.

Il-Qorti osservat fis-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2000, li l-bejgh tal-*computers* bin-notamenti fuqhom ta' "*barter agreement*" u "*terms as usual*" fuq l-invoices effettivament gie mhassar. Izda l-Qorti naqset li tapprezza li l-fatt li l-attur, wara li dan il-bejgh gie mhassar, baqa' xorta jibghat apparat biex jinxtara mill-konvenut, u dana allavolja kien ra dawk in-notamenti (li tnizzlu fuq l-*invoices* tal-bejgh tal-*computers* li kien thassar) li kellhom juruh car u tond li s-socjeta` konvenuta ma kenitx lesta thallas *cash*.

(c) L-esponenti jissottometti illi xejn ma hija kredibbli l-ispjegazzjoni ta' l-attur li qatt ma ghamel ebda reazzjoni ghal dawk in-notamenti ghax qatt ma rahom. A fol 106 – 108 tal-process jghid hekk "*id-deliveryman lili ma tahomlix ghax hemm nies ohrajn biex jaraw dawn l-affarijiet fl-ufficcju…*". Din l-istqarrija timmerita kredibilita`? Jekk id-*deliverymen* ma nformax lill-attur personalment bl-*invoice* b'dak in-notament tal-klijenti, xi *bookkeeper* jew haddiehor ma kienx hemm responsabbli mill-ufficcju biex jattiralu l-attenzjoni tieghu ghalihom?

(d) Mill-process jirrizulta illi l-attur kien evasiv meta gie mistoqsi jekk qattx irreagixxa ghan-notamenti tal-konvenut fejn qieghed jindikalu li kellu f'mohhu *barter*, jew jekk qattx indika li l-konvenut ma riedx *barter.* (ara fol. 102 – 106). Ghalhekk ix-xhieda tieghu ma timmeritax kredibilita`.

(e) L-esponenti jissottometti illi l-Qorti tat wisq piz lill-fatt li fuq l-*invoice* tal-*air-conditioners* li allegatament gew konsenjati wara li kienu tnizzlu dawk in-notamenti fuq l-*invoice* tal-*computers* ma hemmx notamenti simili inizjalati mill-konvenut. Xorta jibqa' l-fatt li s-socjeta` attrici kellha kull opportunita` li ma tkomplix tforni lis-socjeta` konvenuta b'merkanzija jekk ma riedux jithallsu bir-reklami. Issa mhux lecitu li l-appellat jiftah kawza biex jaghmel talba biex jithallas b'*cash* flok b'reklami.

(f) L-appellant jara kontradizzjoni li fil-waqt li l-Prim Awla tal-Qorti Civili kkunsidrat u ghamlet riferenza ghax-xhieda ta' l-impjegat ta' l-attur, il- *bookeeper* Karl Gialanze li fi kliem l-istess Onorabbli Qorti dana "xehed diversi drabi li kien hemm *barter deal*", xorta wahda emmnet lill-attur meta dan, mistoqsi in kontro-ezami kif jispjega l-fatt li l-impjegat tieghu stess xehed hekk, qal: "*bookeeper ma nafx kif seta' jghid fuq deal li ghamiltu direttament jien."* (ara l-ahhar pagna tas-sentenza tat- 3 ta' Mejju, 2000, u fol. 82 tal-process). Meta t-tezi tas-socjeta` konvenuta li kien hemm *barter deal* qeghdha tigi kkoroborata mill-istess impjegat tas-socjeta` attrici huwa kredibbli l-attur li issa ghax gie ri-infaccjat b'xhieda mhux favurih tal-*bookeeper* tieghu stess, kazwalment jiddisponi mix-xhieda ta' din il-persuna li tehodlu hsieb l-*accounts* tal-kumpanija

bhala xhieda ta’ wiehed li ma seta’ kien jaf xejn? Il-Qorti xejn ma apprezzat li b’din l-istqarrija, t-tezi tas-socjeta` konvenuta kienet qeghdha tigi korraborata mill-istess impjegat ta’ l-attur.

L-appellant jissottometti bir-rispett illi kellha tkun manifestament cara ghall-ewwel Qorti illi waqt li l-attur pprova jcekken lill-impjegat tieghu meta flok iwiegeb b’risposta, iwiegeb b’mistoqsija ohra fis-sens li hu jistaqsi kif l-impjegat seta’ jitkellem fuq *deal* li kien ghamilha direttament hu, l-attur stess qed jikkonferma li bejn il-partijiet kontendenti verament kienet tezisti xi forma ta’ *deal.*

Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti filwaqt li interponiet appell kemm mis-sentenza preliminari tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta’ Dicembru, 1998, kif ukoll mis-sentenza definittiva ta’ l-istess Qorti tat-3 ta’ Mejju, 2000, ghal quddiem dina l-Qorti, talbu lill-istess sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija joghgobha thassar u tirrevoka z-zewg sentenzi appellati datati 7 ta’ Dicembru, 1998, u 3 ta’ Mejju, 2000, rispettivament u dan billi filwaqt li tichad it-talbiet kollha attrici, tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, li minn issa qieghed jirriserva li fi stadju ta’ l-appell iressaq dawk il-provi kollha necessarjji permissibbli mil-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ VICTOR PETRONI LIMITED GHAR-RIKORS TA’ APPELL TA’ GRIMA COMMUNICATIONS LIMITED</u>**

6. Is-socjeta` attrici appellata wiegbet hekk:

L-avukata tal-konvenut tghid illi (pagna 3 fuq nett) ‘l-Qorti u l-avukat patrocinat ta’ l-attur, it-tnejn baqghu jimponu x’kien l-arrangament li kellu f’mohhu l-konvenut’. Qatt ghaddielha minn rasha li huwa hi li qed timponi fuq il-Qorti dak li jaqbel lill-klijent taghha?

Illi din il-kwistjoni bazikament tirriduci ruhha go zewg punti 1) jekk l-ammont rikjamat huwiex preskritt, 2) jekk l-

obbligazzjoni ghandhiex tithallas fi flus jew tigi pacuta b'riklami fuq l-istazzjoni tar-*radio* tal-kumpanija konvenuta.

Dwar il-preskrizzjoni –

Jigi rilevat dak li gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti illi l-oggetti in kwistjoni huma *air-conditioners* li gew forniti minn ditta kummercjali ghal ditta kummercjali ohra, biex jigu installati fl-ufficju ta' din id-ditta. Stante li din gejja minn operazzjoni kummercjali, l-esponent ihoss illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin. Barra minn hekk, is-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni tghid sew illi l-konvenut naqas li jichad dan id-debitu bil-gurament tieghu. Izda forsi l-punt importanti dwar dan hu illi l-konvenut mhux biss kien jaf bid-debitu, kif jirrizulta mill-ittra dok XX a fol 51 tal-process, izda mmanifesta dan diversi drabi.

Hu sinifikattiv illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma nghatatx fil-bidu tal-kawza, izda fi stadju ulterjuri. Ir-rilevanza ta' dan hu illi l-konvenut matul il-kaza ma ghamel xejn hlief jinterrompi kwalsiasi preskrizzjoni billi jsostni illi l-oggetti vera li nxtraw, izda illi kellhom jitpacew b'*air time*, cioe` pubblicita` fuq ir-*radio* tal-kumpanija konvenuta. Hawnhekk issir riferenza ghax-xhieda ta' l-istess konvenut, jew ahjar ir-rapprezentant taghha, Joseph Grima, a fol 53 isfel. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti (pagna 4) tirrimarka illi "Fiha nnifisha din l-eccezzjoni terga' tirrikonoxxi d-debitu ossia li sar il-bejgh lis-socjeta` konvenuta lil dik attrici". Meta wiehed iqis ic-cirkustanzi tal-kaz, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija tard fil-kawza, l-ittra XX gia` msemmija u x-xhieda ta' l-istess Joe Grima, dan il-kumment jigi tassew f'postu.

Ir-rikors ta' appell jallega nuqqas ta' etika da parti tas-sottoskritt meta dan ghamel domandi lix-xhud Joe Grima fuq is-suggett in kwistjoni meta dan kien gie diskuss fil-kurituri tal-Qorti, liema diskussjonijiet saru b'intenzjoni genwina li tinstab soluzzjoni barra l-Qorti, kif sar tant drabi. Il-korrettezza ta' l-avukat sottoskritt messha giet apprezzata (u ovvjament ma gietx) meta hu ma talabx li jixhed fuq dak li intqal fil-kurituri tal-Qorti. Minn hemm id-

difensura tal-konvenut waslet biex tobbliga lis-sottoskritt ma jaghmilx domandi lix-xhud fuq is-suggett in materja, liema domandi kien ser jaghmel fi kwalunkwe kaz! Is-sottoskritt jiddispjacih illi l-korrettezza tieghu mhux talli ma gietx apprezzata, talli dan l-aspett tal-kwisjtoni spicca f'dahqa fil-wicc. Bizzejjed nghidu illi z-zmien kollu, Joe Grima qatt ma qal illi ma xtarax, izda illi hu ghandu jpaci b'*air time.*

Dwar il-kwistjoni ta' tpacija b'*air time*

Stabbilit illi l-bejgh in kwistjoni, effettivament sar, u illi fin-nuqqas ta' ftehim, oggett mixtri jithallas b'valuta legali, sta ghal konvenut jipprova ftehim fis-sens allegat minnu. Dan mhux talli ma ghamlux, talli implicitament jeskludih, meta xehed illi hu lil Victor Petroni ma jafux, u t-trattativi saru per mezz ta' huh Godfrey Grima.

Infatti, hu qed jibbaza ruhu fuq il-policy li solitament jimxi biha. Ovvjament, l-aktar haga semplici kienet li jipproduci bhala xhud lil Godrey Grima u jaghmillu l-mistoqsijiet mehtiega. Dan naqas li jaghmlu, u l-piz tal-prova hi fuqu. Inoltre, Victor Petroni fix-xhieda tieghu jeskludi kategorikament ftehim f'dan is-sens.

Ghaldaqstant, is-socjeta` appellata tissottometti illi s-sentenza appellata jisthoqilha konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. L-aggravji ta' l-appell minn naha tas-socjeta` konvenuta jirreferu kemm ghas-sentenza in parte relativa ghall-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni, li giet respinta, kif ukoll ghas-sentenza finali fil-meritu fejn il-Qorti ta' l-ewwel grad laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

8. Dwar l-ewwel sentenza li nghatat mill-Ewwel Qorti u li tirreferi ghall-preskrizzjoni, is-socjeta` konvenuta tissottometti li minn punto di vista ta' procedura, kemm l-Ewwel Qorti, kif ukoll l-avukat difensur tas-socjeta` attrici

appellata, imxew skorrettement fil-konfront taghha ghall-mod kif giet kondotta d-deposizzjoni moghtija minn Joseph Grima, direttur tas-socjeta` konvenuta. Ix-xhud Joseph Grima, skond l-appellanti, ma giexipprezentat bil-mistoqsijiet precizi biex hu jissodisfa il-esigenzi ta' l-artikolu 2160 tal-Kap. 16. Lanqas ma jirrizulta li l-parti attrici pproduciet Kapitolu bil-miktub a tenur ta' l-Artikolu 700 tal-Kap. 12, kif suppost li ghamlet. In konsegwenza ta' dan, gara li Joseph Grima gie indott jixhed fuq aspetti li dwarhom huwa ma kienx legalment tenut illi jwiegeb ghalihom. Malli huwa, bhala konvenut, halef skond il-ligi li m'huwiex debitur, "il-mezz ta' difiza konsistenti ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret perfetta u l-Qorti kellha tieqaf hemm".

9. Fl-ahharnett, jigi rilevat li minn dak li jirrizulta mill-verbali ta' l-atti – hekk ara verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Marzu 1998, a fol. 29 u 30 tal-process – ix-xhud Joseph Grima gie proprjament prodott biex jixhed <u>ad istanza tas-socjeta`</u> konvenuta. Dan ifisser illi, minn punto di vista legali, u kontrarjament allura ghal dak kollu li gie sottomess mill-abili patrocinant legali tas-socjeta` konvenuta (li ma kienitx l-istess persuna dakinhar), ix-xhud Joseph Grima ma jirrizultax effettivament li dan kien qed jixhed in subizzjoni. Fi kliem iehor, ma ttellax jixhed bhala xhud tal-kontroparti attrici. Dan maghdud, ifisser mela li kemm il-Qorti kif ukoll l-avukat tas-socjeta` attrici kellhom id-dritt li jaghmlulu kwalsiasi domanda dwar il-vertenza. F'ebda stadju ma gie rregistrat li kien hemm xi oggezzjoni jew li saret xi opposizzjoni ghad-domandi li gew rivolti lix-xhud Grima. Mhux hekk biss imma jirrizulta anke li l-imsemmi Joseph Grima rega' xehed "minn jeddu" fis-seduta susegwenti in data tas-6 ta' April 1998. Dan kollu juri li s-socjeta` konvenuta ma tistax issa, fi stadju ta' appell, tilmenta minn allegata irritwalita` procedurali b'riferenza ghad-deposizzjonijiet moghtijin minn Joseph Grima, xhud prodott minn naha taghha stess. Apparti l-kunsiderazzjoni l-ohra, imbaghad, illi fid-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 13 tal-process), l-imsemmi Joseph Grima (ara para. 2) jistqarr:

“illi huwa minnu li s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta xi ‘*air conditioner*’, pero` sa fejn ghandha taghrif is-socjeta` konvenuta, ma kien ghad baqa’ ebda allegat bilanc dovut, u ghalhekk la huwa dovut l-allegat bilanc u iktar u iktar l-ebda imghax relattiv....”.

Illi ghalhekk l-aggravju tas-socjeta` appellanti li l-ezami tax-xhud Joseph Grima sar b’mod skorrett u kwindi kontra l-ligi tal-procedura m’huwiex wiehed fondat.

10. Dejjem dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jigi rilevat li finalment l-Ewwel Qorti ghaddiet biex (i) laqghet l-argument tas-socjeta` konvenuta li bhala terminu ta’ preskrizzjoni talvolta applikabbli ghall-kaz kellu jkun dak ta’ tmintax-il xahar jigifieri il-preskrizzjoni hekk imsejha “qasira” ghall-bejgh bl-imnut u (ii) cahdet l-asserzjoni tas-socjeta` appellata illi kellha invece tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali. Dak li induca l-Qorti ta’ l-ewwel grad biex tirrespingi din l-eccezzjoni kif msejsa fuq l-artikolu 2148 tal-Kap kien dovut ghar-raguni li fil-frattemp <u>kienet avverrat ruhha interruzzjoni</u>. Di fatti, l-Ewwel Qorti kkostatat hekk – evalwazzjoni li <u>*del*</u> <u>*resto*</u> din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiskartaha, anzi wahda li tikkondividiha – u cioe` li,
“mill-assjem tax-xhieda tal-konvenut Joe Grima u mid-dokumenti esebiti u x-xhieda ta’ l-attur, din il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut irrikonoxxa u fil-fatt jaf li ghandu jhallas ghalkemm fil-fehma tieghu dan il-hlas ghandu jsir bit-tpacija permezz ta’ riklami. <u>Dan mhux bizzejjed biex jiggustifika l-eccezzjoni minnu sollervata</u>”. (sottolinear tal-Qorti).

11. Fl-ahhar nett, is-socjeta` appellanti tikkritika wkoll il-fatt li din il-kwistjoni dwar interruzzjoni tnisslet, skond hi, minn agir professjonali skorrett u kontra l-etika li gie ppratikat mill-avukat tal-kontroparti. Issa huwa minnu li dawn il-Qrati ftit li xejn harsu b’simpatija lejn akkostamenti u abbokkamenti kondotti bejn avukat ta’ parti u xhud jew il-parti interessata tan-naha avversa fil-pendenza ta’ proceduri gudizzjarji u fl-assenza ta’ l-avukat tal-parti. Imma b’daqstant ma jfissirx li <u>kull</u> kuntatt bil-fomm, anke fejn jirrizulta li dan kien gej minn motivazzjoni spontanea u

genwina, huwa necessarjament kundannabbli. L-avukat tas-socjeta` attrici ghamel sew li ma telax jixhed dwar dan l-iskambju verbali li sehh fil-kurituri tal-Qorti bejnu u bejn ix-xhud Joseph Grima. L-Ewwel Qorti, ghalkemm huwa minnu li rriferiet specifikament ghal dan l-inkontru partikolari fis-sentenza taghha, ma strahitx biss fuqu imma estendiet u bbazat l-ewwel sentenza taghha fuq l-assjem tal-provi. Dan johrog bic-car mis-sentenza nfisha. Kien ix-xhud Joseph Grima stess li baqa' u ghadu jinsisti li kien hemm ftehim li forrnituri bhax-xorta li hemm involuti fil-kawza jigu mhallsin u skuntati b'servizzi ta' reklamar minn fuq ir-radju u mhux bi flus. Ghalhekk l-aggravji dwar il-preskrizzjoni u dwar l-ewwel decizjoni moghtija qeghdin jigu respinti.

12. It-tieni u l-ahhar aggravju huwa fil-meritu. Skond is-socjeta` appellanti, hemm provi bizzejjed li juru li kien hemm tabilhaqq "*a barter agreement*" bejn is-socjeta` venditrici (dik appellata) u s-socjeta` konvenuta. Bhala korrispettiv, ossija tpacija, ghall-ammont dovut ghax-xiri ta' l-"*air conditioners*", issostni s-socjeta` appellanti, din kellha tinghata sevizzi ta' pubblicita` u ta' reklamar b'xejn u sa l-ammont dovut minn naha taghha permezz tar-radju gestit minnha.

In sostenn ta' dan l-aggravju, is-socjeta` appellanti dahlet f' analizi dettaljata ex parte tax-xhieda moghtijin fl-ewwel stadju. Tissottometti wkoll li jekk kien hemm il-htiega li jixhed Godfrey Grima dwar il-fatti kif graw, tali oneru kien jinkombi fuq u jispetta lill-parti attrici. Il-provi prodotti kienu juru bic-car li "*barter agreement*" bhax-xorta indikat minn Joseph Grima tabilhaqq ezista. Il-Qorti ta' l-ewwel grad ghalhekk ghamlet evalwazzjoni skorretta u zbaljata tal-provi li gew prodotti.

13. Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai ben stabbilita` li biex hija tiddisturba l-evalwazzjoni li tkun intghamlet mill-Qorti ta' l-ewwel grad irid ikun hemm raguni jew ragunijiet serji u gravi. Evidentement, biex hija tkun f'qaghda li tasal biex tikkonkludi jekk dan huwiex il-kaz jew le, jinhtegilha tezamina mill-gdid u bir-reqqa l-provi kollha li jkunu saru. Dan huwa sewwa sew dak li

ghamlet din il-Qorti. Madanakollu, u allura bil-maqlub ta' dak illi gie sottomess mis-socjeta` appellanti, hija xorta wahda m'hijiex tal-fehma li hemm xi tvarja f'dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-Ewwel Qorti. Minn ezami ta' dak li gie eccepit mis-socjeta` konvenuta u mid-deposizzjonijiet moghtijin minn Joseph Grima, xhud taghha, kulma jirrizulta hu li in propria diskolpa il-kontroparti konvenuta pprospettat il-possibilitajiet kollha li setghu sehhew f'din il-vicenda. Ix-xhud Grima beda biex jiddikjara (ara dikjarazzjoni mahlufa tieghu a fol. 13 tal-process) "illi huwa minnu li s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta xi "*air conditioner*" u li "pero` sa fejn ghandha taghrif is-socjeta` konvenuta" (jigi hawn innutat l-istat ta' titubanza espressa mix-xhud Grima) u "ma kien ghad baqa' ebda bilanc dovut, u ghalhekk la huwa dovut l-allegat bilanc u iktar u iktar l-ebda imghax relattiv", biex imbaghad addirittura huwa jitla' jixhed u jghid (ara fol. 40 tal-process, fuq domanda diretta mill-Qorti) li hu lanqas biss kien jaf li s-socjeta` konvenuta kienet xtrat affarijiet minghand is-Sur Petroni. Anzi jmur oltre u jasserixxi hekk:
"Issa jiena ma niftakarx ezatt minghand min xtrajna *air conditioners* dak iz-zmien."

14. Koncess – "bis-sulluzzu" – li s-socjeta` konvenuta tabilhaqq xtrat *air conditioners* minghand is-socjeta` attrici, Joseph Grima xehed li allura dan ukoll kien ifisser li minflok hlas bi flus, is-socjeta` venditrici kellha tithallas tramite servizzi pubblicitarji minn fuq l-istazzjon tar-radju Live FM. Issa ftehim bhal dan, jekk tassew sar, ma jistax jigi dezunt kif ippretendiet u ghadha tippretendi s-socjeta` konvenuta. Irid jigi ppruvat minn naha ta' min qeghda tallega li jezisti. <u>Multo magis</u> meta l-parti l-ohra qeghda tinnega ftehim simili. Joseph Grima xehed, u dan il-fatt m'huwiex ikkontestat, li kull ftehim li seta' sar dwar l-akkwist ta' dawn l-*air conditioners* gie kondott bejn is-socjeta` attrici minn naha u Godfrey Grima ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Tali fatt kien jirrendiha aktar necessarja ghas-socjeta` appellanti li ta' lanqas tipproduci <u>hi</u> b'xhud taghha lil dan Godfrey Grima biex tiddimostra li kien hemm "*barter agreement*". Minn dan kollu hija ghazlet li ma taghmel xejn. Din kienet l-ghazla taghha u

kellha dritt ghaliha izda certament ma ghandhiex ragun li tippretendi li kien invece d-dmir jew il-kompitu tal-kontroparti attrici li tipproduci b'xhud lil dan Godfrey Grima meta din ta' l-ahhar cahdet l-ezistenza ta' ftehim simili. L-aktar li s-socjeta` konvenuta resqet vicin ta' prova taht dan l-aspett kien tramite l-produzzjoni ta' l-"*invoices*" li ntbaghtu lilha minn naha tas-socjeta` attrici u li fuqhom kien hemm miktub bil-linka (ara Dokumenti a fol. 70 u 71) "*To be offset against advertising as agreed. Price duty free*" u "*Terms as usual*". Izda jirrizulta bic-car li min ghamel din il-kitba ma kienx minn naha tas-socjeta` attrici. Anzi Victor Petroni, direttur tas-socjeta` attrici, kien kategoriku li hu qatt ma accetta xi ftehim bhal dan. Petroni wasal biex jikkoncedi li saritlu proposta f'dan is-sens minn naha kompratrici, pero` hu m'accettahiex. Kien hemm ukoll xi konsenja ta' materjal iehor li gie mixtri minn naha tas-socjeta` konvenuta u li gie in segwitu ritornat "*in kind*" imma fir-rigward ta' l-*air conditioners* li taghhom intalab il-hlas f'din il-procedura, jirrizulta li dan baqa' fil-pussess tas-socjeta` konvenuta.

15. Stabbilit mela li l-*air conditioners* tassew gew mixtrija u mghoddijin lis-socjeta` konvenuta, stabbilit ukoll il-fatt li ebda hlas ma sar dwarhom, kien jispetta biss lis-socjeta` konvenuta sabiex tiddimostra li kien hemm tassew ftehim ta' "*bartar agreement*". Fil-fehma ta' l-Ewwel Qorti kondiviza pjenament minn din il-Qorti, tali prova ma saritx. Huwa minnu li kien hemm partijiet fix-xhieda moghtija minn naha tas-socjeta` appellanti li turi certu ammont ta' traskuragni fil-mod kif din kienet tiggestixxi n-negozju imma fuq livell ta' probabilita` din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hija sodisfatta li dak li intalab mis-socjeta` appellata jirrizulta sufficjentement ippruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma kemm l-ewwel sentenza appellata dwar preskrizzjoni kif ukoll dik sussegwenti fil-meritu, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------